L-NCPE tappella biex issir Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ugwaljanza qabel ma jidħlu fis-seħħ miżuri mmirati lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE), bħala l-korp tal-ugwaljanza f'Malta, qed tappella biex issir Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ugwaljanza qabel ma jidħlu fis-seħħ il-miżuri mmirati lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs). Uħud minn dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal aktar inugwaljanza fost gruppi vulnerabbli li jaqgħu taħt il-mandat tal-NCPE, fosthom in-nisa u persuni minn minoranzi etniċi.

Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ugwaljanza tevalwa b'mod xjentifiku, l-impatti ekonomiċi, soċjali u kulturali li l-miżuri proposti jista' jkollhom fuq gruppi differenti fis-soċjetà. Dan isir permezz ta' riċerka, konsultazzjoni u evalwazzjoni, bil-għan li jiġi żgurat li dawn il-miżuri ma jwasslux għal konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati għal xi grupp partikolari jew għall-pajjiż kollu.

Għalkemm mhux il-ħaddiema barranin kollha f'Malta jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) huma fost il-gruppi li għandhom l-inqas dħul u li jiffaċċjaw l-aktar kundizzjonijiet prekarji. Meta din is-sitwazzjoni tingħaqad ma' fatturi soċjali oħra li jistgħu jżidu l-periklu ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi – bħall-ġeneru, ir-responsabbiltajiet tal-familja u l-oriġini etnika – il-vulnerabbiltà tista' faċilment tinħoloq jew tkompli tiggrava.

Għaldaqstant, miżuri li jpoġġu piż finanzjarju addizzjonali fuq il-ħaddiema barranin, minflok fuq dawk li qed jagħmlu profitt minn xogħolhom, se jolqtu bl-aktar mod qawwi lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli fosthom. Pereżempju, it-tneħħija tas-servizz ta' childcare bla ħlas tista' tħalli impatt sproporzjonat fuq in-nisa, li aktarx ikollhom jerfgħu r-responsabbiltajiet familjari, filwaqt li ż-żieda fil-miżati tal-permessi għat-tibdil fl-impjieg tista' tagħmilha aktar diffiċli għall-ħaddiema li jkollhom iħallu xogħolhom u jsibu impjieg ġdid minħabba vjolenza abbażi tal-ġeneru jew razziżmu.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-NCPE tħeġġeġ lill-Gvern biex iwettaq Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ugwaljanza rigward il-miżuri mħabbra qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ. Dan sabiex jiġi evitat li jkomplu jiżdiedu l-inugwaljanzi eżistenti u biex jiġu żgurati l-ġustizzja soċjali, ekonomija kompetittiva u soċjetà inklussiva.

28 t'Ottubru 2026